**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Barnard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Joseph Brignoli**

Numru: 5/2013

Illum 3 ta' Novembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Brignoli,** ta' disgha u erbghin (49) sena, iben John u Carmela nee' Previ, imwieled Pieta', nhar l-14 ta' Novembru 1963, residenti fil-fond Block F, Bieb B, Flat 7, Triq tac-Cawla, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 597863(M), akkuzat talli fil-lejl ta' nhar l-20 ta' Jannar 2013 f'xi hin bejn 3.00p.m. u 5.00p.m. waqt li kien qieghed fi Triq l-Arcipriet Saver Cassar, Rabat, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi;

1. Minn gewwa residenza li ggib l-isem ta' 'Maria Assunta', u li tinsab fi Triq l-Arcipriet Saver Cassar, Rabat, Ghawdex,

ikkommetta serq ta' flus kontanti u oggetti ta' deheb, li valur taghhom jaqbez l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Maria Assunta Mercieca, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-lok u l-valur;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gewwa Rabat, Ghawdex, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, gewwa fond 'Maria Assunta, li jinsab fi Triq l-Arcipriet Saver Cassar, Rabat, Ghawdex, arresta, zamm jew issekwestra lil Maria Assunta Mercieca li hija persuna li ghandha aktar minn sittin sena, kontra l-volonta` taghha;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta' tal-imsemmija Maria Assunta Mercieca;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbili jew immobbli, liema hsara taqbez mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), izda mhux l-elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu ((€1164.69) u li saret ghad-dannu ta' Maria Assunta Mercieca u jew persuni ohra;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna biza' lil Maria Assunta Mercieca li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil Maria Assunta Mercieca u lill-familja taghha, b'mod li jkun jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghall-persuni taghhom;

Il-Qorti giet gentilment mitluba tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez inkorsi bil-hatra ta' esperti u/jew periti fl-inkjesta magisterjali li nzammet dwar ir-reati mertu tal-akkuzi odjerni, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija Maria Assunta Mercieca u l-familja taghha, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412 C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' Maria Assunta Mercieca u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffisata mill-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 219) datata 10 ta' Dicembru 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat Joseph Brignoli biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) Artikoli 261 (a)(b)(c) u (e), 262(1)(a) u (2), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 275, 276A, 277(b), 279(b), 280(2) u (3), 383, 384, 386, 387, 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Artikoli 86 u 87(e), 383, 384, 386, 387, 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) Artikoli 251A, 222, 222A, tal-Kapitolu 0 tal-Ligijiet ta' Malta;
(6) Artikoli 251B, 222, 222A, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(7) Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-30 ta' April 2014 (*a fol.* 230 u 231), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-10 ta' Dicembru 2013, u f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti semghet lir-rapprezentanta tal-qraba tad-derubata li huma hadu lura l-gollerija u l-flus misruqa u dan wara li kienu rilaxxati mill-Qorti fuq talba taghhom.

Il-Qorti tikkundanna bil-qawwa kollha l-attakki fuq l-anzjani, li hafna drabi jkunu vulnerabbli li jispiccaw vittma ta' nies bla qalb li jaghzlu lid-dghajjef biex jehdulhom dak li b'tant sagrificcji jkunu kisbu tul is-snin.  Dawn in-nies bla qalb qabel iwettqu l-attakki taghhom zgur li ma jirriflettux bizzejjed u ma jarawx lil dawk il-persuni li se jattakaw setghu kienu l-genituri taghhom stess, li zgur ma jkunux iridu lil xi hadd jattakom go darhom u jisriqilhom dak li jkunu gemmghu tul is-snin biex wara jhalluhom lil uliedhom u lil ulied uliedhom.

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`.*

*Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Ghalhekk f'dan il-kaz thoss li hu applikabbli dak li rriteniet il-Qorti fl-Appell Kriminali "Il-**Pulizija vs. Nikola Farrugia et**." [2.10.2002] u cioe' li:-

*"... t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz- zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma."*

Il-Qorti kif preseduta temmen li persuna ghandha tithallielu tieqa ghall-futur, *a window of opportunity*. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979)[1]:

*"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character"* (p.236)

**Decide:**

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi applikat Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li l-imputat jkompli miexi fit-triq it-tajba u jaghraf ma jergghax jirrepeti l-izball li huma kkomma.

Ghaldaqstant, il-Qorti, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 10 ta' Dicembru 2013 u senjatament Artikoli 17, 31, 86, 87(e), 261 (a)(b)(c)(e), 251A, 251B, 222, 222A, 262(1)(a) u (2), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 275, 276A, 277(b), 279(b), 280(2) u (3), 325(1)(c),

[1] Kif ikkwotat mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fl-Appell Kriminali Numru 178/2008 **Il-Pulizija v Rittmar Hatherly, u Justin Farrugia.**

340(d), 383, 384, 386, 387, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Joseph Brignoli hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Joseph Brignoli taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum, liema ordni huma soggetti ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digrieti moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordnijiet ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reat li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' *probation* moghtija b'Digrieti ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal/i tal-*probation* biex ikun/u responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat Joseph Brignoli.

*In oltre*, b'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni skont id-digriet hawn anness.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' tliet mija u tnejn u hamsin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€352.22) bhala spejjez peritali.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**